MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2008

Numru. 620/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN J FENECH**

**KONTRA**

**JOSEF FALZON**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Josef Falzon, bin George u Mary nee’ Spiteri, imwieled Tal-Pieta’, nhar it-23 ta’ Lulju, 1984, u residenti fil-fond imsejjah ‘Joemar’, Triq is-Sewwieqa, Hamrun, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 359484M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli nhar is-16 ta’ Frar, 2007, ghall-habta tat-20:00hrs, fi Triq il-Kitarristi, Birzebbuga, bil-hsieb li jaghmel ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Anthony Seisun u Triza Spiteri, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, meta saq fid-direzzjoni ta’ l-istess persuni bil-vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni JAF 028, liema delitt ma giex ezegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura Ford Escort b’manjiera perikoluza u traskurata u b’velocita’ eccessiva;

3. U kif ukoll talli fl-istess data, lok, u hin kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat, storbju, jew mod iehor.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat l-ammissjoni tal-imputat f’dan l-istadju ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 41, 214, 216, u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U l-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Josef Falzon hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Barra minn hekk din il-Qorti qed tordna l-hrug ta’ garanzija favur il-parte civile, u cioe’ Anthony Seisun ghal zmien sena (1) mill-lum, taht penali ta’ EURO250.00 (mitejn u

hamsin Ewro), ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------